KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 28.4.2011
KUMM(2011) 232 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri meħuda skont id-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri meħuda skont id-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità**

# 1. INTRODUZZJONI

L-għan tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità[1] huwa li tistabbilixxi sistema fil-Komunità għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti bil-ħsieb li jittejbu s-sikurezza u l-effiċjenza tat-traffiku marittimu, tittejjeb ir-reazzjoni tal-awtoritajiet għall-inċidenti, l-aċċidenti jew is-sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi fuq il-baħar, inklużi l-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ u jingħata kontribut għall-prevenzjoni u għall-iskoperta aħjar tat-tniġġis mill-bastimenti.

Għal dan il-għan, id-Direttiva tipprovdi għal diversi rekwiżiti ġodda fil-qasam tal-ġestjoni tal-monitoraġġ u tal-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti, fejn tqis ir-regoli internazzjonali għas-sistemi ta' rappurtar tal-bastimenti, is-servizzi tat-traffiku tal-bastimenti u l-progress teknoloġiku fil-qasam tal-identifikazzjoni u tal-monitoraġġ tal-bastimenti.

Sabiex jittejjeb l-istabbiliment ta' sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti mifruxa mal-UE kollha, id-Direttiva tistipula obbligi sabiex ikun stabbilit qafas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà ta' post ta' kenn għal bastimenti li jsibu ruħhom f'diffikultà, id-Direttiva tistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri sabiex dawn ifasslu pjanijiet għall-akkomodazzjoni ta' bastimenti ta' din ix-xorta.

Id-Direttiva tapplika b'mod ġenerali għall-bastimenti ta' 300 tunnellaġġ gross u iktar u għal bunkers ta' iktar minn 5 000 tunnellata abbord il-bastimenti. Il-bastimenti kollha li jidħlu fil-portijiet fl-Unjoni Ewropea, il-bastimenti li jidħlu f'żoni b'sistemi obbligatorji ta' rappurtar tal-bastimenti adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u mħaddma mill-Istati Membri, u l-bastimenti involuti f'inċidenti u f'aċċidenti fir-reġjun tat-tfittxija u s-salvataġġ/fiż-żona ekonomika esklużiva jew l-ekwivalenti ta' Stat Membru, jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva.

L-effettività tad-Direttiva tiddependi mill-azzjonijiet ta' implimentazzjoni u ta' infurzar tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 26(1) jimponi obbligu fuq l-Istati Membri biex jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9, 10, 18, 20, 22, 23 u 25 sal-5 ta' Frar 2007 u dwar l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2009. L-Artikolu 26(2) jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-

[1] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.

Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva[2] b'mod partikolari sabiex ikun aċċertat sa liema punt id-Direttiva qed tgħin sabiex jiżdiedu s-sikurezza u l-effiċjenza tat-trasport marittimu u għall-prevenzjoni tat-tniġġis fuq il-baħar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan fuq il-bażi tar-rapporti msemmija iktar 'il fuq mill-Istati Membri.

Dan ir-rapport jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-impatt tal-miżuri meħuda.

## 2. METODU TA' EVALWAZZJONI

L-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri tikkonsisti kemm f'implimentazzjoni legali kif ukoll f'implimentazzjoni teknika. L-implimentazzjoni legali tinkiseb permezz tat-traspożizzjoni formali tad-Direttiva u tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżulta. L-implimentazzjoni teknika tikkonsisti fil-bini u fit-tħaddim tal-infrastruttura meħtieġa bbażata fuq l-art għat-twassil u l-iskambju tad-dejta.

Minbarra l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, id-Direttiva ġiet implimentata fuq il-livell tal-UE billi ġiet stabbilita sistema ta' informazzjoni msejħa SafeSeaNet. Is-sistema ġiet żviluppata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)[3] fil-qafas tal-Grupp tas-SafeSeaNet.

L-EMSA tħaddem u timmonitorja l-kwalità tal-prestazzjoni u tad-dejta tas-sistema ċentrali tas-SafeSeaNet fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum. Il-problemi li jeżiġu azzjonijiet immedjati jiġu kkomunikati mingħajr dewmien lill-Istati Membri. Il-kwistjonijiet relatati mal-fluss tad-dejta ġeneralment jiġu rrappurtati permezz ta' rapporti trimestrali dwar il-kwalità tad-dejta lill-Istati Membri. Dawn ir-rapporti huma għodod utli sabiex tkun ivvalutata l-implimentazzjoni teknika tad-Direttiva fl-Istati Membri peress li jagħtu ħarsa ġenerali lejn il-fluss tad-dejta mis-sistemi nazzjonali lis-sistema ċentrali tas-SafeSeaNet u lejn l-iskambju tad-dejta permezz tas-SafeSeaNet.

Mill-2009, l-EMSA bdiet twettaq programm ta' spezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri. Filwaqt li l-programm ta' spezzjonijiet għadu għaddej, f'Diċembru 2010 tlestew tmien spezzjonijiet u l-EMSA ppreżentat rapporti dwarhom lill-Kummissjoni. Ir-rapporti ta' spezzjoni tal-EMSA jipprovdu informazzjoni iktar dettaljata dwar l-elementi amministrattivi, proċedurali u operattivi tal-miżuri ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri. Peress li r-riżultati tal-ispezzjonijiet jikkonċernaw biss parti mill-Istati Membri, f'dan ir-rapport is-sejbiet se jkunu riflessi biss fuq livell ġenerali.

F'dan ir-rapport, l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE hija bbażata fuq ir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva. Meta ġie vvalutat l-iskambju effettiv tad-dejta bejn l-Istati Membri, intużaw ir-rapporti trimestrali tal-EMSA dwar il-kwalità tad-dejta tas-SafeSeaNet.

---

2 Id-Direttiva 2002/59/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2009/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 101). F'dan ir-rapport, dawn l-emendi tqiesu meta dan kien meħtieġ.

3 Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenziji Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima] (ĠU L 208, 5.8.2002, p.1) kif emendat.

## 3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

L-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-iżvilupp tekniku tas-sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità bdew kważi mix-xejn u għalhekk twettqu pass pass sa mill-adozzjoni tad-Direttiva fl-2002. It-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet l-ewwel pass li l-Istati Membri kienu obbligati jlestu sal-5 ta' Frar 2004.

It-tieni pass kien il-bini ta' installazzjoni bbażata fuq l-art għall-implimentazzjoni tad-Direttiva sa tmiem l-2007 sabiex l-iskambju tad-dejta bejn is-sistemi nazzjonali jkun operattiv mhux iktar tard minn sena wara, sa tmiem l-2008.

Sabiex ikunu evalwati l-miżuri ta' implimentazzjoni li kienu għaddejjin, l-Istati Membri kienu obbligati jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva sal-5 ta' Frar 2007.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri kienu mitluba jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2009.

### 3.1. It-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri nnotifikaw li t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tlestiet fil-ħin, sal-5 ta' Frar 2004 jew ftit ġimgħat wara. Madankollu, kien hemm xi dewmien f'uħud minnhom u l-aħħar notifika minn Stat Membru kienet riċevuta biss f'Diċembru 2005.

Fuq il-bażi tan-notifiki mill-Istati Membri, il-Kummissjoni nediet ftit proċeduri ta' ksur minħabba nuqqas ta' konformità. Issa dawn il-proċeduri huma kollha magħluqin; l-aħħar waħda ngħalqet fl-2008.

### 3.2. Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri

Il-Kummissjoni nediet kwestjonarju sabiex tgħin lill-Istati Membri fir-rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9, 10, 18, 20, 22, 23 u 25. L-iskop ta' dawn ir-rapporti dwar il-progress kien li jiġi żgurat li l-Istati Membri kienu stabbilixxew, sa tmiem l-2007, it-tagħmir u l-installazzjonijiet ibbażati fuq l-art kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva u li t-tagħmir sabiex l-informazzjoni titwassal lis-sistemi nazzjonali u tiġi skambjata bejniethom kien operattiv mhux iktar tard minn sena wara.

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri wieġbu fil-ħin għall-kwestjonarju. Kellhom jinfetħu xi proċeduri ta' ksur, imma lkoll ingħalqu sussegwentement, l-aħħar waħda fl-2009.

Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva tressqu minn tliet Stati Membri fi żmien xieraq, sal-31 ta' Diċembru 2009. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri bagħtu r-rapporti tagħhom sa nofs Ġunju 2010. L-aħħar rapporti waslu f'Settembru 2010.

Ir-rapporti minn uħud mill-Istati Membri jipprovdu biss informazzjoni pjuttost ġenerali u l-Kummissjoni bagħtet ittri lil dawk l-Istati Membri fejn talbithom informazzjoni iktar dettaljata.

### 3.3. Il-kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-infrastruttura u tal-istandards tekniċi

Implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva hija possibbli biss permezz ta' ġbir u ta' skambju elettroniċi effiċjenti tad-dejta bejn l-Istati Membri. Sabiex jinkiseb dan, id-Direttiva timponi obbligu kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq il-Kummissjoni sabiex jikkooperaw fl-iżvilupp ta' komunikazzjonijiet telematiċi bejn l-istazzjonijiet kostali ħalli tkun skambjata dejta dwar il-movimenti, id-dħul fil-portijiet u l-merkanzija tal-bastimenti.

Il-proċess tal-iżvilupp u tal-istabbiliment tas-Sistema għall-Monitoraġġ tat-Traffiku tal-Bastimenti fil-Komunità (SafeSeaNet) twettaq fil-qafas tal-Grupp tas-SafeSeaNet, li jikkonsisti f'esperti tal-Istati Membri. Għall-ewwel, dan il-Grupp kien ippresedut mill-Kummissjoni. Mill-2004, il-Grupp beda jkun ippresedut mill-EMSA u żviluppa sett sħiħ ta' dokumentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri operattivi sabiex tkun stabbilita s-sistema tas-SafeSeaNet mifruxa mal-UE kollha.

Is-sistema tas-SafeSeaNet tikkonsisti f'sistemi nazzjonali u fis-SafeSeaNet ċentrali mħaddma mill-EMSA. Dawn is-sistemi kollha nbnew u jitħaddmu skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi miftiehma fil-Grupp tas-SafeSeaNet.

Il-ħidma li saret għall-iżvilupp tas-SafeSeaNet u l-esperjenza miksuba sabiex titħaddem tqiesu meta ġie abbozzat it-tielet pakkett dwar is-Sikurezza Marittima. Fil-qafas tat-tielet pakkett dwar is-sikurezza marittima, id-Direttiva 2002/59/KE kienet emendata bid-Direttiva 2009/17/KE, li tagħti status legali ċar lis-SafeSeaNet u tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi ġenerali għas-sistema. L-emendi jipprovdu wkoll regoli għall-ġestjoni, għat-tħaddim, għall-iżvilupp u għall-manutenzjoni tas-SafeSeaNet. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ġestjoni, mill-iżvilupp u mis-sorveljanza tas-sistema tas-SafeSeaNet fuq il-livell ta' politika, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. L-EMSA hija responsabbli mill-implimentazzjoni teknika tas-sistema f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni.

Għall-ġestjoni tas-SafeSeaNet, fil-31 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli dwar is-SafeSeaNet[4] bid-Deċiżjoni 2009/584/KE. Il-Grupp huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, filwaqt li l-EMSA għandha status ta' osservatriċi permanenti u tagħti kontribut attiv għal ħidmet il-Grupp.

## 4. KWISTJONIJIET PRINĊIPALI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

Il-kwistjonijiet prinċipali fl-implimentazzjoni tad-Direttiva huma t-traspożizzjoni u l-infurzar tal-obbligi ta' notifika tal-bastimenti, l-infrastruttura amministrattiva u teknika sabiex jiġu riċevuti dawn in-notifiki u għall-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti b'mezzi tekniċi (bħas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS)), l-istabbiliment u t-tħaddim tas-SafeSeaNet u l-kapaċità tal-awtoritajiet sabiex jintervjenu fil-każ ta' aċċidenti u inċidenti.

### 4.1. In-notifiki mill-bastimenti

L-obbligi ta' notifika għandhom l-iskop li jidentifikaw il-bastimenti li jidħlu fil-portijiet fl-UE, jintraċċaw merkanzija perikoluża u li tniġġes abbord il-bastimenti u jipprovdu

4 ĠU L 201, 1.8.2009, p. 63.

informazzjoni immedjata dwar aċċidenti, inċidenti u sitwazzjonijiet perikolużi oħrajn fuq il-baħar għall-awtoritajiet ta' salvataġġ u ta' reazzjoni tal-Istati Membri.

<u>In-notifika ta' qabel id-dħul f'port</u>

Notifika ta' qabel id-dħul f'port għandha l-għan li tidentifika l-bastiment. Hija tinkludi informazzjoni ġenerali dwar il-bastiment (l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni, il-port ta' destinazzjoni, il-ħin stmat tal-wasla u tat-tluq u l-għadd ta' persuni abbord) u trid tingħata lill-awtorità tal-port mill-operatur, mill-aġent jew mill-kaptan ta' bastiment li sejjer lejn port ta' Stat Membru, bħala regola ġenerali, mill-inqas 24 siegħa qabel (l-Artikolu 4).

<u>In-notifika ta' merkanzija perikoluża u li tniġġes</u>

Il-merkanzija perikoluża jew li tniġġes (materjal perikoluż) li tittieħed abbord jew li tinġarr abbord bastiment li jkun sejjer lejn port ta' Stat Membru trid tiġi nnotifikata mill-operatur, mill-aġent jew mill-kaptan ta' bastiment lill-awtorità kompetenti (l-Artikolu 13). L-informazzjoni dwar id-dettalji tekniċi tal-merkanzija perikoluża jew li tniġġes offruta għall-ġarr jew li tittieħed abbord kwalunkwe bastiment fl-UE trid tingħata mit-trasportatur tal-merkanzija lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment qabel mal-merkanzija tittieħed abbord (l-Artikolu 12). B'riżultat ta' dawn in-notifiki, l-informazzjoni dwar il-merkanziji perikolużi fuq il-bastimenti tkun disponibbli fis-sistema għall-awtoritajiet ta' salvataġġ u reazzjoni.

<u>Ir-rappurtar tal-inċidenti u tal-aċċidenti fuq il-baħar</u>

L-obbligu għall-kaptani tal-bastimenti li jirrappurataw l-aċċidenti u l-inċidenti (eż. kolliżjoni, ċaqliq tal-merkanzija, ħsarat fl-apparat tat-tmun, theddida ta' ħruġ ta' prodotti li jniġġsu fil-baħar) jagħti twissijiet bikrija lill-awtoritajiet ta' tfittxija u salvataġġ u reazzjoni tal-Istati Membri kostali u jsostni l-prontezza sabiex ikunu attivati l-miżuri ta' salvataġġ u reazzjoni (l-Artikolu 17).

<u>Konklużjoni dwar in-notifiki mill-bastimenti</u>

L-Istati Membri kollha ttrasponew l-obbligu tar-rappurtar fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jista' jiġi konkluż li l-leġiżlazzjoni dwar l-obbligi ta' notifika hija stabbilita u taqdi l-iskopijiet li nħolqot għalihom.

Rigward ir-rappurtar tal-inċidenti u tal-aċċidenti fuq il-baħar, jidher mir-rapport dwar il-kwalità tad-dejta tas-SafeSeaNet tal-EMSA li l-Istati Membri ma jirrappurtawx l-inċidenti kollha u li għandhom xi diffikultajiet biex jidentifikaw liema rapport għandhom jibagħtu. Jidher ukoll li hemm xi problemi tekniċi fir-rappurtar tal-inċidenti b'mod elettroniku peress li għadhom jintużaw mezzi oħrajn, mhux elettroniċi, bħall-faks telefoniku.

### 4.2. Il-monitoraġġ tal-movimenti tal-bastimenti u tal-bastimenti perikolużi

L-għodod prinċipali fil-monitoraġġ tal-movimenti tal-bastimenti huma l-installazzjonijiet ibbażati fuq l-art sabiex tiġi riċevuta u użata l-informazzjoni riċevuta mis-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS) ta' abbord il-bastimenti u mis-sistemi obbligatorji tar-rappurtar tal-bastimenti u tas-Servizzi tat-Traffiku tal-Bastimenti (VTS) imħaddma mill-Istati Membri.

<u>Is-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS)</u>

Is-sinjali bir-radju mibgħuta minn sistema AIS abbord bastiment normalment jistgħu jiġu osservati f'distanza ta' minn 60 sa 80 km mill-istazzjon li jkun qed jibgħathom. Għal din ir-raġuni, is-sistema AIS tintuża ferm anki għall-monitoraġġ tal-bastimenti minn stazzjonijiet ibbażati fuq l-art anki jekk oriġinarjament saret obbligatorja bħala tagħmir għan-navigazzjoni għall-prevenzjoni tal-kolliżjonijiet.

L-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu installazzjonijiet ibbażati fuq l-art biex jirċievu u jutilizzaw l-informazzjoni riċevuta permezz tal-AIS (l-Artikolu 9). Dawn l-installazzjonijiet kellhom jitlestew sa tmiem l-2007 u s-sistemi nazzjonali sabiex l-informazzjoni titwassal lis-sistemi nazzjonali u tiġi skambjata bejniethom kellhom ikunu operattivi sena wara.

L-Istati Membri kostali kollha rrappurtaw li kienu implimentaw l-Artikolu 9.

Is-Sistemi Obbligatorji ta' Rappurtar tal-Bastimenti

Is-Sistemi Obbligatorji ta' Rappurtar tal-Bastimenti għandhom l-iskop li jidentifikaw, jistabbilixxu r-rotta ta' u jassistu lill-bastimenti bl-informazzjoni. L-Istati Membri huma obbligati jimmonitorjaw u jiżguraw ruħhom li l-bastimenti kollha li jidħlu f'sistema obbligatorja ta' rappurtar tal-bastimenti (MRS), adottata mill-IMO u mħaddma minn Stat Membru wieħed jew iktar, jikkonformaw mas-sistema. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma obbligati jaħdmu flimkien sabiex jistabbilixxu, fejn ikun meħtieġ, sistemi obbligatorji ta' rappurtar sabiex titressaq proposta quddiem l-IMO għall-approvazzjoni (l-Artikolu 5).

Is-Sistemi Obbligatorji ta' Rappurtar, imsemmija fl-Artikolu 5, bħalissa qed jitħaddmu minn 13-il Stat Membru kostali. Dawn l-Istati Membri kollha rrappurtaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Artikolu 5. Sitt Stati Membri jħaddmu s-Sistema ta' Rappurtar tat-Tankers tal-Punent tal-Ewropa (WETREP - Western European Tanker Reporting System), li hija sistema obbligatorja ta' rappurtar għat-tankers li jġorru żejt tqil, bitum u qatran li ġiet adottata mill-IMO f'Diċembru 2004. Dawn l-Istati Membri esprimew dubji dwar l-obbligu li jiskambjaw id-dejta tal-WETREP permezz tas-SafeSeaNet ma' Stati Membri oħrajn u sa issa din id-dejta mhijiex disponibbli fis-SafeSeaNet. Saru diversi laqgħat bejn dawn l-Istati Membri u l-Kummissjoni/l-EMSA u jidher li dalwaqt għandha tinstab soluzzjoni prattika sabiex id-dejta tal-WETREP tkun tista' tiġi skambjata permezz tas-SafeSeaNet. Il-Kummissjoni qed timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib.

L-informazzjoni dwar bastimenti li huma ta' periklu potenzjali

Sabiex ikunu pprevenuti l-aċċidenti u l-inċidenti, waħda mill-kwistjonijiet prinċipali hija l-kapaċità li jiġu identifikati u mmonitorjati l-bastimenti li jkunu ta' riskju u l-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jaġixxu, eż. billi jirrestrinġu l-movimenti ta' bastimenti ta' din ix-xorta. Għal dan l-iskop, il-kriterji għall-bastimenti li jkunu ta' periklu potenzjali għat-tbaħħir huma ddefiniti fid-Direttiva (l-Artikolu 16). Il-bastimenti li jkunu involuti f'inċident jew f'aċċident fuq il-baħar, il-bastimenti li jonqsu milli jikkonformaw mar-regoli dwar in-notifika, dwar ir-rappurtar, dwar ir-rotot tal-bastiment jew dwar il-VTS u l-bastimenti involuti f'rimi intenzjonat ta' żejt jew f'xi ksur ieħor tal-Konvenzjoni MARPOL jitqiesu bħala li huma ta' periklu potenzjali. L-Istati Membri huma obbligati jittrażmettu l-informazzjoni dwar bastimenti ta' din ix-xorta lill-awtoritajiet rilevanti fi Stati Membri oħrajn.

L-Istati Membri kostali kollha rrappurtaw li huma konformi ma' dan l-obbligu.

### 4.3. Is-sistema għall-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità, is-SafeSeaNet

L-implimentazzjoni tad-Direttiva wasslet għall-iżvilupp tas-SafeSeaNet, l-għodda unika mifruxa mal-UE kollha għall-iskambju tad-dejta skont id-Direttiva. Is-sistema hija eżempju tajjeb ħafna ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-EMSA.

Kif ingħad iktar 'il fuq, is-sistema tas-SafeSeaNet hija magħmula minn netwerk ta' sistemi nazzjonali tas-SafeSeaNet fl-Istati Membri u minn sistema ċentrali tas-SafeSeaNet, ospitata mill-EMSA li tagħmilha ta' pern. Is-sistema tippermetti li d-dejta tiġi riċevuta, maħżuna, irkuprata u skambjata għall-finijiet tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà tal-portijiet u s-sigurtà marittima, tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u għall-effiċjenza tat-traffiku marittimu u tat-trasport marittimu.

Is-Servizzi ta' Sostenn Marittimi tal-EMSA għandhom rwol ċentrali fis-sorveljanza u fil-monitoraġġ tal-kwalità tal-prestazzjoni u tad-dejta tas-sistema f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Is-SafeSeaNet tipprovdi informazzjoni dwar il-bastimenti individwali u immaġni ġenerali jew lokali tat-traffiku tal-bastimenti fl-ilmijiet Ewropej.

L-informazzjoni dwar bastiment tinkludi l-isem u l-identifikazzjoni tal-bastiment, il-pożizzjoni, l-istatus (fi triqtu/fil-port), it-tip u d-dimensjonijiet tiegħu, il-ħin tat-tluq mill-port u tal-wasla fil-port tal-bastiment, id-dettalji tal-merkanzija perikoluża u d-dettalji tal-inċidenti li kien involut fihom il-bastiment. Din l-informazzjoni tinħażen fis-sistema sabiex sussegwentement tkun tista' tiġi ttraċċata l-istorja sħiħa tal-pożizzjoni ta' bastiment.

L-immaġni tat-traffiku tal-bastimenti tas-SafeSeaNet (l-interfaċċja grafika stabbilita mill-EMSA) turi l-pożizzjoni attwali tal-bastimenti kollha fl-ilmijiet tal-UE fuq skrin wieħed. Permezz tal-faċilità taż-żum tas-sistema, huwa possibbli li tinkiseb l-immaġni ta' port wieħed jew ta' żona tal-baħar waħda. Jistgħu wkoll jintwerew biss ċerti tipi ta' bastimenti, eż. tankers jew bastimenti li jġorru merkanzija perikoluża. Permezz tan-numru tal-IMO ta' bastiment, jistgħu jiġu ttraċċati b'mod konsistenti l-movimenti ta' bastiment individwali fl-ilmijiet tal-UE.

### 4.4. L-intervent fil-każ ta' aċċidenti u ta' inċidenti fuq il-baħar u l-postijiet ta' kenn

Fil-każ ta' inċidenti jew ta' aċċidenti, l-Istati Membri huma obbligati jieħdu miżuri adattati biex jiżguraw is-sikurezza tat-tbaħħir u tal-persuni u biex jipproteġu l-ambjent tal-baħar u dak kostali (l-Artikolu 19). Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq il-movimenti tal-bastiment, avviż uffiċjali lill-kaptan tal-bastiment sabiex itemm theddida għas-sikurezza marittima jew għall-ambjent, it-tlugħ abbord tal-bastimenti b'tim ta' valutazzjoni sabiex tkun ivvalutata s-sitwazzjoni u tingħata għajnuna jew jingħataw struzzjonijiet lill-kaptan sabiex iqiegħed lill-bastiment f'post ta' kenn.

Sabiex ikunu jistgħu jagħtu għajnuna lill-bastimenti f'periklu, l-Istati Membri huma obbligati (l-Artikolu 20) iħejju pjanijiet sabiex jakkomodaw, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, bastimenti f'diffikultà u jagħmlu dawn il-pjanijiet disponibbli meta ssirilhom talba għal dan.

L-aċċident tat-tanker PRESTIGE seħħ f'Novembru 2002, ftit xhur biss wara li d-Direttiva daħlet fis-seħħ. L-aċċident kien direttament relatat mal-kwistjonijiet tal-"postijiet tal-kenn" u

wassal għal Konklużjonijiet tal-Kunsill[5] li ħeġġew lill-Istati Membri sabiex jaċċelleraw it-tħejjija ta' pjanijiet sabiex il-bastimenti f'diffikultà jkunu akkomodati f'postijiet ta' kenn. Bħala riżultat ta' dan, il-pjanijiet dwar il-postijiet ta' kenn ġew ippreżentati lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2003 minflok sal-5 ta' Frar 2004 kif inhu mitlub mid-Direttiva.

F'isem il-Kummissjoni, l-EMSA wettqet valutazzjoni mhux fuq il-post tal-pjanijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni, appoġġjata mill-EMSA, żaret lill-Istati Membri sabiex tevalwa l-proċeduri operattivi u tiġbor l-informazzjoni rilevanti li kienet nieqsa mill-pjanijiet oriġinali.

Wara t-tkabbir tal-UE, fl-2005 u fl-2006 l-EMSA wettqet aġġornament tal-informazzjoni dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni u dawk operattivi f'isem il-Kummissjoni.

Il-konklużjoni kienet pożittiva b'mod globali u indikat li l-Istati Membri kienu ttrasponew u implimentaw b'mod legali r-rekwiżiti dwar il-postijiet ta' kenn. Madankollu, tqajmu xi punti dwar il-veloċità u anki dwar l-indipendenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet li kienu qed jagħtu lok għal tħassib minħabba r-responsabbiltajiet maqsuma f'ċerti Stati Membri, in-nuqqas ta' kooperazzjoni formalizzata f'ħafna mill-Istati kostali ġirien tal-UE u n-nuqqasijiet fil-mekkaniżmi ta' kumpens eżistenti. Dan it-tħassib kien indirizzat meta d-Direttiva ġiet riveduta, fil-kuntest tat-tielet pakkett dwar is-sikurezza marittima, permezz tal-Artikoli 20, 20a, 20b u 20c il-ġodda.

F'April 2005, il-Kummissjoni ressqet quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-istudju dwar miżuri potenzjali fuq il-livell Komunitarju bil-għan li jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-ispejjeż kif ukoll il-kumpens għal dawn l-ispejjeż u għall-ħsara li jkunu ġġarrbu għall-akkomodazzjoni tal-bastimenti f'diffikultà.

Il-konklużjoni prinċipali tal-istudju hija li r-regoli dwar ir-responsabbiltà u l-kumpens ma għandux ikollhom l-effett li jiskoraġġixxu l-akkomodazzjoni tal-bastimenti f'diffikultà billi jinvolvu riskji finanzjarji mdaqqsa għall-Istat kostali. Il-qafas legali eżistenti ma jissodisfax dan l-istandard b'mod adegwat.

Ir-ratifika veloċi tal-konvenzjonijiet eżistenti tal-IMO dwar ir-responsabbiltà għat-tniġġis, b'mod partikolari l-Konvenzjoni HNS, mill-Istati Membri kostali kollha kienet indikata bħala metodu li għandu jkun kemm effettiv kif ukoll koerenti mal-politika attwali tal-UE.

Il-kwistjoni tal-postijiet ta' kenn se tiġi evalwata aktar mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tad-Direttiva msemmija iktar 'il fuq u, b'mod iktar partikolari, tal-pjanijiet nazzjonali għall-akkomodazzjoni tal-bastimenti li jeħtieġu assistenza imħejjija mill-Istati Membri. Skont l-Artikolu 20d il-ġdid tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tmiem l-2011 dwar il-mekkaniżmi eżistenti fl-Istati Membri għall-kumpens tat-telf ekonomiku potenzjali mġarrab minn xi port jew korp b'riżultat tal-akkomodazzjoni ta' bastiment li jeħtieġ l-assistenza.

---

5 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija, Brussell, il-5 u s-6 ta' Diċembru 2002 dwar l-identifikazzjoni tal-postijiet ta' kenn.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

### 5.1. L-eżitu tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni

L-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-iżvilupp tas-sistema għall-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità bdew fl-2002. Kienu meħtieġa ħidma leġiżlattiva u teknika kbira kif ukoll riżorsi finanzjarji sostanzjali fuq il-livell tal-Istati Membri u tal-UE. Bħala riżultat ta' din il-ħidma, id-Direttiva ġiet trasposta fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u s-sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità SafeSeaNet ġiet stabbilita kompletament u hija għalkollox operattiva.

Ir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva u r-rapporti ta' spezzjoni disponibbli tal-EMSA jsostnu impressjoni ġenerali li d-Direttiva qed tiġi sostanzjalment implimentata. In-nuqqasijiet legali, tekniċi u operattivi minuri u s-sejbiet indikati fir-rapporti se jkunu eventwalment indirizzati mill-Kummissjoni.

Is-sistema SafeSeaNet tagħti lill-pajjiżi parteċipanti aċċess veloċi għall-informazzjoni kollha importanti dwar il-movimenti tal-bastimenti fl-ilmijiet Ewropej, dwar merkanziji abbord li huma perikolużi jew li jniġġsu, bħal żejt jew prodotti kimiċi, u dwar bastimenti li jkunu ta' riskju potenzjali għas-sikurezza fit-tbaħħir u għall-ambjent. It-22 Stat Membru kostali kollha kif ukoll in-Norveġja u l-Islanda huma konnessi permezz tas-sistemi nazzjonali tagħhom mas-sistema ċentrali tas-SafeSeaNet.

Skont ir-rapport dwar il-kwalità tad-dejta tal-EMSA, għad hemm xi problemi tekniċi fl-iskambju elettroniku tad-dejta u mezzi oħra, bħall-faks telefoniku, li għandhom jintużaw sabiex jintbagħtu ċerti tipi ta' rapporti. Mit-22 Stat Membru kostali, fil-perjodu Jannar-Ġunju 2010, għaxra (10) kienu qed jittrażmettu l-ħames tipi ta' rapporti mitluba kollha (notifiki tad-dħul f'port, tal-materjal perikoluż, tal-pożizzjoni tal-bastiment (AIS), tar-Rappurtar Obbligatorju tal-Bastimenti (MRS) u r-rapporti dwar l-inċidenti) lis-SafeSeaNet b'mod elettroniku. Il-parti l-kbira tat-12-il Stat Membru li ma rrappurtawx b'mod sħiħ, ma kinux qed jittrażmettu r-rapporti dwar l-inċidenti.

Il-prestazzjoni tas-SafeSeaNet hija indirizzata kemm fil-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli dwar is-SafeSeaNet kif ukoll fil-grupp ta' esperti rilevanti tal-EMSA sabiex jiġu solvuti l-ftit nuqqasijiet li għad fadal. L-iskambju elettroniku sħiħ tad-dejta kellu jkun stabbilit sat-30 ta' Novembru 2010, f'konformità mad-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/17/KE, li temenda d-Direttiva 2002/59/KE u l-Kummissjoni bħalissa qed tevalwa s-sitwazzjoni bl-għajnuna tal-EMSA.

### 5.2. L-impatt fuq is-sikurezza marittima, fuq l-effiċjenza tat-trasport marittimu u fuq il-prevenzjoni tat-tniġġis

L-informazzjoni f'ħin reali dwar il-bastimenti u l-merkanziji perikolużi fl-ilmijiet Ewropej permezz tas-SafeSeaNet tejbet il-kapaċitajiet għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, il-kooperazzjoni bejniethom u l-kapaċità tagħhom ta' salvataġġ u reazzjoni.

F'diversi Stati Membri, il-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva jiġu ttrattati minn iktar minn awtorità waħda. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti huma l-Amministrazzjonijiet Marittimi, il-Portijiet, il-Gwardja Kostali u l-Awtoritajiet Ambjentali. L-

Istati Membri jirrappurtaw li l-implimentazzjoni tad-Direttiva żiedet il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet nazzjonali.

L-obbligi li tiġi nnotifikata l-informazzjoni lil Stati Membri oħrajn u li jinbnew installazzjonijiet ibbażati fuq l-art sabiex tiġi riċevuta l-informazzjoni tal-AIS wasslu għal titjib fil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet fuq il-livell reġjonali, eż, fil-qafas tas-servers reġjonali tal-AIS.

Skont l-Analiżi tal-Aċċidenti Marittimi tal-EMSA għall-2009, l-għadd ta' aċċidenti fl-ilmijiet tal-UE naqas b'mod sinifikanti. L-għadd ta' bastimenti involuti f'aċċidenti fl-ilmijiet tal-UE fl-2009 kien ta' 626 bastiment meta mqabbel ma' 726 bastiment fl-2007. L-għadd ta' baħħara li tilfu ħajjithom naqas ukoll minn 82 fl-2007 għal 52 fl-2009. Fl-aħħar 7 snin ma seħħ l-ebda tixrid kbir ta' żejt.

### 5.3. Żviluppi fil-futur

L-implimentazzjoni tat-tielet Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima se jtejjeb iktar il-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti fl-ilmijiet Ewropej kif ukoll l-iskambju tad-dejta u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet marittimi. Il-pakkett jinkorpora rekwiżiti internazzjonali dwar l-użu tal-identifikazzjoni u l-ittraċċar mill-bogħod tal-bastimenti (LRIT), kif ukoll iċ-Ċentru Ewropew tad-Dejta LRIT fil-leġiżlazzjoni tal-UE u jintroduċi l-użu tal-AIS fuq il-bastimenti tas-sajd. Fl-istess ħin, żviluppi tekniċi qed jiftħu possibbiltajiet ġodda għal iktar żvilupp tas-sistemi ta' monitoraġġ. L-iskambju tad-dejta skont it-tielet Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima, speċjalment id-Direttiva 2009/17/KE u d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port[6] se jkollu impatt sinifikanti fuq is-SafeSeaNet. L-evoluzzjoni ulterjuri tas-SafeSeaNet se tagħmel l-iskambju tad-dejta iktar effettiv u se toffri possibbiltajiet għal attivitajiet ta' monitoraġġ u għal kooperazzjoni saħansitra iktar komprensivi bejn l-awtoritajiet. Eżempju konkret ta' din l-evoluzzjoni hija l-kunċett taċ-"Ċinturin Blù" (Blue Belt) u l-proġett pilota assoċjat, sostnut mill-Kunsill tat-Trasport ta' Diċembru 2010, li għandu l-għan li jiffaċilita t-tbaħħir ġewwa l-UE billi jiminimizza l-formalitajiet amministrattivi. L-element ċentrali f'dan il-kunċett huwa l-użu tal-kapaċijiet eżistenti għall-monitoraġġ tat-trasport marittimu, partikolarment is-SafeSeaNet.

Fil-qafas tal-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu, l-inizjattiva tal-qasam Marittimu elettroniku għandha l-għan li tuża sistemi avvanzati ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni sabiex issostni l-ħidma u n-negozju fis-settur marittimu. Hija se tiffoka fuq il-promozzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi użati mill-awtoritajiet marittimi, mill-portijiet u mill-industrija. L-inizjattiva tal-qasam Marittimu elettroniku se tibni fuq sistemi eżistenti, bl-iktar waħda ċentrali minnhom tkun is-SafeSeaNet.

L-inizjattiva ta' sorveljanza marittima integrata fil-qafas tal-Politika Marittima Integrata għandha l-għan li toħloq ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni, bl-interkonnessjoni tal-komunitajiet tal-utenti, inkluż il-militar. F'din l-inizjattiva transettorjali, is-SafeSeaNet se jkollha rwol prinċipali billi tipprovdi dejta mis-settur tat-trasport marittimu.

---

6 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57